# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 9 ta' Marzu 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Vella)**
**vs**
**Osvaldo Brignoli**

**Kumpilazzjoni Numru: 618/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Osvaldo Brignoli ta' 24 sena, bin Anthony u Rachel xebba Vella, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Lulju 1997, residenti gewwa 18, St. Joseph, Flat 4, Triq id-Dghajjes, Paola u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0287497M.

Akkuzat talli fix-xahar ta' Frar 2021 gewwa l-istabilliment bl-isem ta' Fairbet li jinsab fi Triq ir-Repubblika, Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti li jammontaw ghal madwar €1200, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn u misja u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-persuna, li sar ghad-dannu tad-direttur tal-istess kumpanija, certu Antoine Pace Mercieca u/jew ta' xi persuna/i jew entitajiet ohra.

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Krimninali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat minn naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat gia rrifonda l-ammont misruq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c)(d), 267 u 268(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reati iehor fiz-zmien prefiss jew ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-uffucju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**